# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## **Laqgħa Numru 53– 4 Leġislatura**

**l-Erbgħa ta' 28 ta'April 2026**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antoine Vassallo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Steven Grech, Sindku Joan Agius, Sindku Scott Camilleri, Sindku Gianluca Falzon u Sindku Karl Boxall

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

53.1.1 Il-President informa li Sindku Joan Aguis , Sindku Scott Camilleri , Sindku Steven Grech u Sindku Karl Boxall u Sindku Gianluca Falzon informaw li minħabba impenji oħra ma setgħux jattendu

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 53**

53.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tlieta u ħamsin (53) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa.

53.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Charlo Mifsud, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

53.2.3 Il-President fakkar li f'29 ta' April ser issiru il-poloz ta' żwiemel sabiex jiġi abbinat żiemel ma lokalita għat-tiġrija finali li ser issir il-Ġimgħa 8 ta' Mejju fil-għaxija mis 7.30pm il-quddiem. Kull sid ta' żiemel ser jiġi preżentat b'tifkira ta'l-okkażjoni. Segretarju Eżekuttiv fakkret sabiex min ser jattendi jirreġistra. Dħul huwa b'xejn għal mistiedna.

53.2.4 F'sfond li ser jibdew numri ta' attivitajiet u festi fil-lokalitajiet, il-President informa li huwa importanti li f'kas ta' għeluq ta' toroq, il-kuntrattur ta' l-iskart jiġi notifikat min qabel b'hekk jiġi evitat ħafna dizgwid bejn il-Sindki u l-kuntrattur. Każ simili ġara dan l-aħħar f'Ħal Għaxaq fejn inqalaw numru ta' problemi minħabba li l-iskart ma setgħax jinġabar. Il-President sostna li saru ħafna telefonati u argumenti bla bżonn minħabba li ma kienx hemm għarfien dwar dawn l-attivitajiet.

53.2.5 Il-President ġibed l-attenzjoni dwar l-osservanza tal-protokoll meta issiru l-attivitajiet. Huwa importanti li skeda 12 ta' Kapitlu 363 li fuqha bażat il-liġi tal-Kunsilli Lokali tiġi osservata, dan il-protokoll huwa differenti min dak nazzjonali.

**53.3 Komunikazzjoni mill-President;**

53.3.1 Il -President informa li ħaddiem talab sabiex jiġi trasferit ma Reġjun sabiex jaħdem ma tim tal-manutenzjoni.

53.3.1.1 Il-Sindki u Delegati preżenti qablu li persuna għanda tapplika u issirlu intervista skont il-proċeduri ta' l-ingaġġ.

53.3.2 Il-President informa li Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill ta' Santa Luċija fejn intalbet l-għajnuna ta' Reġjun rigward studju fuq l-impatt ta' traffiku relatat ma permess ta' bini li ser issir fil-lokalita. Huwa tenna li Reġjun ma għandux il-mezzi sabiex jagħmel dan l-istudju u lanqas huwa f'pożizzjoni li jiffinanzja dan l-istudju. Li jista jofri li permezz ta' l-Uffiċċjal Maniġerjali responsabbli mil-ambjent sabiex jagħti il-parir tiegħu ta' minn huma l-entitajiet responsabbli u xhemm bżonn sabiex issir dan l-istudju

53.3.2.1 Is -Sindku ta' Santa Luċija irringrazzjat lil President ta' dan il-parir.

53.3.3 Il-President informa li l-attivita ta' l-għeluq ta' proġett ***Art for Active Ageing*** kienet pjanata l-issir f'nofs Mejju iżda minħabba li sejħet l-Elezzjoni Generali f'30 ta Mejju għalhekk ġiet posposta għal iktar il-quddiem .

53.3.3.1 Is-Sindki u Delegati preżenti ħadu nota ta' dan u qablu.

**53.4 Skeda ta' Pagamenti**

53.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/26A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.
Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Andrew Dalli u sekondat mill-Kunsillier Charlo Mifsud.
il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**53.5 Rapporti**

53.5.1 **Q1 Rapport Finanzjarju Jan-Mar 2026**
Il- President resaq ir-Rapport Finanzjarju ta' l-ewwel kwart ta' sena Jan-Mar 2026. Huwa talab lil-accountant ta' Reġjun sabiex jispjega il-kontenut u xenarju finanzjarju ta' dawn l-ewwel tlett xhur. Waqt il qari ta' rapport ġew innutati li kien hemm xi diskrepanzi fuq l-ammonti ta' spejjeż relatati ma l-iskart. Segretarju Ezekuttiv li peress li l-accountatnt kien bagħat rapport madwar siegħa qabel ma bdiet il-laqgħa ma kienx hemm biżżejjed ħin sabiex dan ir-rapport jinqara qabel. Għalhekk ġie deċiż li dan ir-rapport jerġa jiġi preżentat wara li jsiru il-verifiki ta' l-ammonti.

53.5.1.1 Is-Sindki u Delegati preżenti qablu li dan rapport Q1 jerġa jiġi diskuss waqt laqgħa li jmiss.

**53.6 Item: Aġġornament kurrenti fuq xogħolijiet tal-binja amministrattiva**

Il-President informa l-xogħol tal-kostruzzjoni qabad ritmu tajjeb. Qed issiru *Progress Report Meetings* kull ħmistax bejn il-partijiet, dan jinkludi Segretarju Ezekuttiv, Ing Jose Agius il-Perit ta' Reġjun, il-Kuntrattur, Site Manager, l-Ing. tal-proġett, l-STO u Health and Safety Officer. Madanakollu l-Ing Jose Agius u il-Perit ta' Reġjun jiltaqaw kull ġimgħa ma Site manager. Dawn il-laqgħat qed jiġu Minuted mis-Segretarju Ezekkuttiv u qed tikkordina il-laqgħat u l-parti amministrattiva tal-proġett.

**53.7 Affarijiet Oħra**

Is-Sindku Luke Farrugia qal li kuntrattur ta' l-iskart mhux qed immur jiġbor in-naħiet tal-korsa tal-Marsa . Il-President informa li ser niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur rigward dan in-nuqqas.

**53.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

53.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Tnejn 28 ta'Mejju 2026

Konfermati llum 25 ta'Mejju 2026____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv